# NOTA QASIRA DWAR IR-RESPONSABILTALJIET LI JEMANU MIL-LIGIJIET TAS-SAHHA W SIGURTA'

**ROBERT MUSUMECI**

*Dr Robert Musumeci huwa avukat u perit. Huwa ottjena wkoll Master of Science in Conservation Technology for Masonry Buildings mill- Universita' ta' Malta. Huwa waqqaf id-ditta ta' Periti RMPERITI u sussegwentement ottjena l- warrant ta' avukat. Huwa serva bhala cermen tal- Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal- Bini bejn is-snin 1998 u 2008. Eventwalment huwa serva bhala konsulent tal- Prim Ministru ta' Malta u kien strumentali fir-riformi wara d-demerger tal- Awtorita' ta' Malta dwar l- Ambjent u l-Ippjanar u t-twaqqif ta' l- Awtorita' ta' l- Artijiet. Dr Musumeci rebah il-'Best Doctor of Laws Thesis Award 2016'* ghall- publikazzjoni *'The Development Planning Act 2016 - A critical Appraisal'. Prezentement, Dr Musumeci iservi lill- Gvern ta' Malta bhala konsulent tekniku – legali.*


**1. INTRODUZZJONI** .................... 2

**2. GENERALI** .................... 2

**3. DWAR RESPONSABILTA'** .................... 3

**4 DEFINIZZJONIJIET** .................... 3

**5 REGOLAMENTI WAQGHAT MILL-GHOLI** .................... 5

**6 IL-KLIJENT** .................... 7

**7 IS-*SUPERVISOR*** .................... 9

**8 MIN IHADDEM** .................... 12

**9 IL-HADDIEM** .................... 16

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Din in-nota hi ntiza li taghti stampa generali in rigward tad-diversi responsabiltajiet li jaqghu taht il-**Kapitolu 424** tal-**Ligijiet ta' Malta**, *cioe'* l-**Att Dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' Fuq il-Post tax-Xoghol**, b'enfasi fuq ir-rwol ta' dawn li gejjin u b'referenza partikulari dwar 'waqghat mill-gholi':

1.1.1 Il-klijent jew l-izviluppatur

1.1.2 Is-*supervisor*

1.1.3 Min ihaddem

1.1.4 Il-haddiem

## 2. GENERALI

2.1 L-**Artikolu 6** tal-**Kap. 424** jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz.

## 3. DWAR RESPONSABILTA'

3.1 L-**Artikolu 225 (1)** tal-**Kap 9** jghid illi kull *"min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew <u>b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti</u> jikkaguna offiza fuq il-persuna..."*;

3.2 Mill-Artikolu appena citat jikkonsegwi li wiehed irid jara allura jekk kienx hemm nuqqas ta' tharis ta' regolamenti. Fi kliem iehor, irid jigi stabbilit jekk sarx ix-xoghol ta' kontroll u moniteragg tal-mizuri preventivi u protettivi fuq il-post tax-xoghol u jekk ittiehdux dawk il-prekawzjonijiet mehtiega skont il-ligi sabiex jigu evitati korrimenti u mwiet;

## 4 DEFINIZZJONIJIET

4.1 Skont il-**Kap 424** tal-**Ligijiet ta' Malta**, *"ħaddiem"* tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprentist u persuna li timpjega lilha nnifisha;

4.2 Skont il-**Kap 424** tal-**Ligijiet ta' Malta**, *"min iħaddem"* tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u għal dak li jirrigwarda xogħol

magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, *managers*, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;

4.3 Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018**[1] *"klijent"* tfisser il-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq proġett;

4.4 Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l**-2018** *"klijent domestiku"* tfisser klijent li għalih qed isir xogħol u li m'hemmx forma ta' qliegħ għal dak il-klijent;

4.5 Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** *"file dwar saħħa u sigurtà"* tfisser *file* li jkollu fih informazzjoni dwar saħħa u sigurtà relevanti li għandha tittieħed waqt kwalunkwe xogħolijiet sussegwenti;

4.6 Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** *"pjan dwar saħħa u sigurtà"* ifisser dokument li jistabbilixxi r-regoli applikabbli f'sit ta' kostruzzjoni u l-miżuri speċifiċi li jikkonċernaw ix-xogħol li jaqgħu taħt il-kategorija jew f'kategoriji oħra tal-Iskeda II fl-istess Avviz;

[1]Dan l-Avviz Legali issostitwixxa l-**Avviz Legali 281** ta' l-**2004** f'Awwissu 2018.

4.7 Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** *"sit ta' kostruzzjoni"* ifisser kull sit ta' kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħolijiet ta' bini jew ta' inginerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom tinsb fl-Iskeda I fl-istess Avviz[2];

4.8 Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** *"supervisor tal-proġett"* tfisser kull persuna naturali jew legali responsabbli għas-superviżjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' proġett, imqabbad minn klijent.

## 5 REGOLAMENTI WAQGHAT MILL-GHOLI

5.1 L-**Avviz Legali 88/18** jitkellem *inter alia* dwar il- **BŻONNIJIET MINIMI SPEĊIFIĊI GĦALL-POSTIJIET TAX-XOGĦOL FUQ IS-SIT** fir-rigward ta' **XOGHOL FIL-GHOLI,** u dan fis-sens:

5.1.1 Ix-xogħol fil-għoli għandu jiġi ppjanat sew u mwettaq fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tal-**Artikolu 6(2)**[3] tal- **Kap 424** tal-**Ligijiet ta' Malta** u r-**Regolament 10**[4] tal-**Avviz Legali 36** ta' l-**2013**;

---

[2]Tħaffir, Xogħlijiet fl-art, Bini, Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati, Konverżjoni jew iffittjar, Alterazzjonijiet, Rinnovament jew restawr, Tiswijiet, Ħatt, Twaqqiegħ, Manutenzjoni fi stat tajjeb, Manutenzjoni - żebgħa u tindif u Drenaġġ.

[3]6(2): *'Wara l-evalwazzjoni msemmija fl-ahhar subregolament, u kif necessarju, min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex jippreveni riskji ghas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghandu jikkontrolla dawk il-fatturi li jistghu jaghtu lok ghal incidenti jew li joholqu riskju ghas-sahha u, jew sigurtà fuq il-post tax-xoghol inkluz fejn necessarju billi jbiddel metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, sabiex jigizgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurtà: Izda dawn il-mizuri ghandhom ikunu integrati fl-attivitajiet kollha u fil-livelli gerarkici kollha fi hdan l-impriza u, jew l-istabbiliment.'*

[4]10(1): *'Ghandu jkun id-dmir ta' kull min ihaddem u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xoghol. Dawn l-*

5.1.2 Fejn isir ix-xogħol fil-għoli, kull min iħaddem u, jew il-persuna impjegata għal rasha, għandhom jieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu kull persuna li taqa' distanza li tista' tikkawża dannu personali;

5.1.3 Fil-prinċipju, xogħol fil-għoli għandu jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà;

5.1.4 Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti;

5.1.5 Jekk l-użu ta' tagħmir bħal dan ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom jiġu pprovduti mezzi xierqa ta' aċċess u arneż tas-sigurtà jew metodi oħra ta' ankoraġġ għandhom jintużaw;

---

*evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija ta' l-impriza: Izda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xoghol imwettaq u fil-post tax-xoghol, u ghandhom jiehdu azzjoni xierqa.*

*(2) Fejn ikunu impjegati hames haddiema jew aktar, min ihaddem ghandu jzomm fil-pussess tieghu kopji bil-miktub jew li jistghu jinkisbu b'mod elettroniku ta ' dawn l-evalwazzjonijiet, u ghandu jizgura li jkunu aggornati regolarment.*

*(3) Min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jiddeciedu dwar il-mizuri protettivi xierqa ghan-natura tax-xoghol imwettaq li jehtieg li jittiehdu wara evalwazzjonijiet bhal dawn u, jekk ikun necessarju, dwar it-taghmir protettiv li ghandu jintuza.*

*(4) L-evalwazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament ghandhom jigu riveduti kull meta jkun emm bidla kbira fil-kondizzjonijiet tax-xoghol, jew kull meta min ihaddem jew persuna li tahdem ghal rasha jkollhom raguni sabiex jissuspettaw li dawn m'ghadhomx validi.'*

5.1.6 Ilqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta’ protezzjoni għandu jiġi mwaħħal madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f’xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista’ taqa’ distanza li tista’ tikkawża ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju;

5.1.7 Ilqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta’ protezzjoni għandhom ikunu ta’ kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta’ għoli adegwat, u ta’ saħħa adegwata għall-iskop li huma użati. Rpar, barrieri jew forma oħra ta’ protezzjoni għandhom ikunu mqiegħda sabiex jevitaw sa fejn hu possibli l-waqgħa tal-persuni. Meta l-għeluq huwa użat, dan għandu jkun jiftiehem b’mod li jipprevjeni l-waqa’ ta’ persuni, materjal jew oġġetti, liema kopertura għandha tkun kjarament immarkata biex turi l-iskop tagħha, tiġi mwaħħla sew fil-pożizzjoni, tkun ta’ kostruzzjoni tajba u ta’ saħħa adegwata għall-iskop li huma użati.

## 6 IL-KLIJENT

6.1 Salv jekk mhux provdut mod iehor fl-**Avviz Legali 88** ta’ l-**2018**, il-klijent irid jara *inter alia* li:

6.1.1 Jahtar *supervisor* ghall-istadju ta’ disinn u kostruzzjoni;

6.1.2 Jiehu in kunsiderazzjoni kull rapport bil-miktub moghti mis-*supervisor*;

6.1.3 Izomm il-*files* u kull informazzjoni ohra rilevanti;

6.1.4 Jizgura li jithejja pjan tas-sahha u sigurta'.

6.2 Illi fil-kaz ta' klijent domestiku, m'huwiex mehtieg li jinhatar *supervisor*, diment illi:

6.2.1 Il-proġett ma jeħtieġx avviż minn qabel skont is-**subregolament (3)** tar-**Regolament 5** ta' l- **Avviz Legali 88** ta' l-**2018;**

6.2.2 Ikun preżenti kuntrattur wieħed biss għall-proġett kollu;

6.2.3 Ix-xogħol ma jinvolvi ebda riskji partikolari kif elenkati fi Skeda II. Din l-iskeda II tinkludi *'xogħol li jpoġġi lill-ħaddiema f'periklu li jintradmu taħt tiġrif, li jinbelgħu f'art mistagħdra jew li jaqgħu mill-għoli fejn ir-riskju jkun partikolarment aggravat min-natura tax-xogħol jew mill-proċessi wżati jew mill-ambjent fuq il-post jew sit tax-xogħol.';*

6.3 Ir-**Regolament 6** tal-**Avviz Legali 88/18** jirravviza li minkejja li l-klijent ikun hatar *supervisor* tal-progett huwa ma jehlisx mir-responsabilitajiet tieghu f'dak ir-rigward. Dan ifisser li anke jekk ikun hatar *supervisor*, il-klijent, allura l-persuna li twettaq il-progett, tibqa' xorta wahda responsabbli ghal obbligi kollha naxxenti mir-regolamenti. (Ara **Il-Pulizja vs Raymond Zammit u Silvana Zammit** - Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016. Qorti Kriminali. Appell Nru: 206/2014);

6.4 L-**Artikolu 13** tal-**Kap. 249** tal-**Liġijiet ta' Malta** irid li *"meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f'xi att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li ged tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat."* Mela dan l-artikolu jipprovdi test doppju li jrid jigi pruvat sal-grad tal-probabbli mill-persuna imputata sabiex titqies mhux ħatja tar-reat kontestat, u *cioe`*: "*(1) li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha;* u *(2) kienet eżerċitat* id-diliġenza kollha xierqa biex *timpedixxi l-għemil tar-reat"*

## 7 IS-*SUPERVISOR*

7.1 Ir-rwol tas-*supervisor* tal-proġett jinkludi:

7.1.1 Jikkomunika *notification form* lill-Awtorita' meta mehtieg;

7.1.2 Jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-**Avviz Legali 88/18**;

7.1.3 Ifassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni;

7.1.4 Jipprepara *file* adegwat għall-karatteristiċi tal-proġett li jkun fihom informazzjoni relevanti tas-saħħa u sigurtà li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni waqt xogħlijiet sussegwenti;

7.1.5 Jikkoordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:

(i) Meta aspetti tekniċi u, jew organizzattivi jkunu qed jiġu deċiżi, sabiex wieħed jippjana l-oġġetti varji jew fażijiet tax-xogħol li hemm sabiex isiru simultanjament jew f ' suċċessjoni;

(ii) Meta jiġi vvalutat il-perjodu meħtieġ għar-realizzazzjoni ta' xogħolijiet differenti jew fażijiet tax-xogħol;

7.1.6 Jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-**Avviz Legali 88/18** sabiex jassiguraw li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom:

(i) Japplika l-prinċipji msemmija fir-regolament f'manjiera konsistenti;

(ii) Meta meħtieġ, isegwi l-pjan tas-saħħa u sigurtà;

7.1.7 Jagħmel, jew jikkawża li jsiru, kull aġġustamenti meħtieġa għal-pjan tas-saħħa u s-sigurtà u l-*file* u jieħu kont tal-progress tax-xogħol u kull bidliet li seħħew;

7.1.8 Jorganizza l-koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi kuntratturi suċċessivi fuq l-istess sit, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bil-għan li jipproteġi lill-ħaddiema u jipprevjeni nċidenti u perikli għas-saħħa fuq ix-xogħol u l-informazzjoni reċiproka kif previst fir-**Regolament 7** tar- **Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**, li jiżguraw li persuni mpjegati għal rashom huma inklużi f ' dan il-proċess fejn meħtieġ;

7.1.9 Jikkoordina arranġamenti sabiex jikkontrolla li l-proċeduri tal-ħidma qed jiġu implimentati b'mod korrett;

7.1.10 Jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li persuni awtorizzati biss jitħallew jidħlu fil-post tal-kostruzzjoni;

7.1.11 Jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

7.2 L-ebda azzjoni, jew proċedimenti oħra għad-danni għandha tkun jew ikunu stitwiti kontra *supervisor* tal-proġett kemm -il darba s-*supevisor* tal-proġett ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti;

7.3 Meta l-klijent jonqos milli jaħtar *supervisor* tal-proġett ghax hekk jirrikejdi l-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018**, il-klijent *ipso facto* jitqies li tkun is-*supervisor* tal-proġett;

## 8 MIN IHADDEM

8.1 Skont l-**Avviz Legali 36** tas-sena **2003** *"min ihaddem"* u kull persuna li tahdem ghal rasha ghandu *inter alia:*

8.1.1 Jizgura li l-haddiema jkunu provduti b'sorveljanza tas-sahha skond il-perikli tas-sahha u s-sigurtà fuq ix-xoghol, u ghandu jaghmel l-arrangamenti kollha kif mehtieg;

8.1.2 Jizgura s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol;

8.1.3 Jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza;

8.1.4 Jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u taghrif kif mehtieg;

8.1.5 Ghandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi necessarji li bihom jizgura l-grad ta' *standards* ta' sahha u sigurtà mehtiega fuq il-post tax-xoghol;

8.1.6 Bl-ghan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda biex jipprotegu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema waqt li jikkunsidra c-cirkostanzi li jinbidlu;

8.1.7 Jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita riskji ghas-sahha u s-sigurtà;

8.1.8 Jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema li ma jistghux jigu evitati u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;

8.1.9 Jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha;

8.1.10 Jevalwa r-riskji ghas-sahha u s-sigurtà, fost l-ohrajn fl-ghazla tat-taghmir tax-xoghol, is-sustanzi kimici u l-preparazzjonijiet kimici uzati, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli, b'dan illi imbaghad ghandu jiehu l-mizuri

necessarji kollha sabiex jippreveni riskji ghas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghandu jikkontrolla dawk il-fatturi li jistghu jaghtu lok ghal incidenti jew li joholqu riskju ghas-sahha u, jew sigurtà fuq il-post tax-xoghol inkluz fejn necessarju billi jbiddel metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, sabiex jigi zgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurtà;

8.1.11 Jizgura li l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' teknologiji godda jkunu s-suggett ta' konsultazzjoni mal-haddiema u, jew mar-rapprezentanti taghhom, fejn jidhlu l-konsegwenzi tal-ghazla tat-taghmir, il-kondizzjonijiet tax-xoghol u l-ambjent tax-xoghol ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema;

8.1.12 Jiehu l-passi xierqa sabiex jizgura li jkunu biss dawk il-haddiema li jkunu rcevew tahrig adegwat u xieraq li jkollhom access ghal postijiet fejn ikun hemm periklu serju u specifiku;

8.1.13 Ghandu jaghzel persuna wahda jew aktar li jkollha l-hegga, kapacitajiet, kompetenza u tahrig necessarju sabiex tassistieh fit-tehid ta' mizuri mehtiega fejn tidhol il-protezzjoni tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xoghol. Dawn il-persuni jistghu ikunu fost il-haddiema jew persuni esterni;

8.1.14 Ghandu jwaqqaf u jaghti effett lill-proceduri xierqa li ghandhom jigu segwiti fil-kaz ta' periklu serju u imminenti;

8.1.15 Jaghti informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-haddiema u lir-rapprezentanti taghhom dwar ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà li huma maghrufa minn min ihaddem jew li gew identifikati minn xi evalwazzjoni tar-riskju mwettqa minn, jew ghal min ihaddem, u li huwa maghruf li huma prezenti fil-post tax-xoghol in generali, kif ukoll fejn jidhol kull stazzjon tax-xoghol individwali, u fejn jidhol xi tip ta' xoghol jew attività ta' xoghol assenjata, il-mizuri preventivi u protettivi mehtiega fejn jidhlu r-riskji kollha identifikati u il-proceduri li ghandhom ikunu segwiti fil-kaz ta' periklu serju u imminenti prezenti fuq ix-xoghol, inkluz dwar l-evakwazzjoni tal-haddiema, u dwar arrangamenti maghmula fejn jidhlu l-ewwel ghajnuna u t-tifi tan-nar;

8.1.16 Jizgura li kull haddiem jircievi tahrig adegwat fuq is-sahha u s-sigurtà, partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet specifici ghall-istazzjon tax-xoghol u ghax-xoghol assenjat;

8.1.17 Jipprovdi bizzejjed tahrig xieraq skond il-karatteristici partikolari tax-xoghol, waqt li jikkunsidra l-kwalifiki u l-esperjenza tal- haddiem temporanju;

8.2 L-**Avviz Legali 36** tas-sena **2003** irid li fejn dawk li jhaddmu, kuntratturi jew persuni li jahdmu ghal rashom jaqsmu l-post tax-xoghol, min ihaddem, il-kuntratturi u l-persuni li jahdmu ghal rashom ghandhom jikkoperaw fl-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar is-sahha, is-sigurtà u l-igjene, u waqt li jikkunsidraw in-natura ta' l-attivitajiet, ghandhom

jikordinaw l-azzjonijiet taghhom f'materji li jirrigwardaw mizuri protettivi u preventivi, u ghandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-haddiema rispettivi taghhom u, jew lir-rapprezentanti taghhom b'dawn ir-riskji;

8.3 L-ezistenza ta' relazzjoni ta' impjieg, li tkun partikolari jew specifika ghal haddiem minhabba f'li jkun haddiem temporanju, m'ghandhiex tiggustifika trattament differenti fejn jidhlu l-kondizzjonijiet tax-xoghol fejn ikunu involuti l-protezzjoni tas-sahha u s-sigurtà, specjalment fejn jidhol l-access ghat-taghmir protettiv personali;

## 9 IL-HADDIEM

9.1 Skont il-**Kapitolu 424** tal-**Ligijiet ta' Malta** *"huwa dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir." Kwindi* anke l-impjegat ghandu jezercita dik l-attenzjoni w id-diligenza mehtiega sabiex jizgura illi b'dak illi jaghmel la jwegga' hu u lanqas iwegga' lill-haddiehor;

9.2 Il-haddiem huwa fi dmir illi:

9.2.1 Jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;

9.2.2 Jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f’postu;

9.2.3 Ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b’mod arbitrarju l-mezzi ta’ sigurtà uzati, ma’ makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta’ sigurtà b’mod korrett;

9.2.4 Jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill- haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema b’xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b’xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta’ protezzjoni;

9.2.5 Jikkopera ma’ min ihaddem u ma’ haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal- haddiema, ghat-tul ta’ zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet imposti mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema fuq ix-xoghol;

9.2.6 Jikkopera ma’ min ihaddem u, jew ma’ haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta’ zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam ta’ l-attività taghhom.